PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0064/2011**

18.3.2011

*

# RAPPORT

dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew
(00003/2011 – C7-0058/2011 – 2011/0802(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Sharon Bowles

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

ANNESS (1): CURRICULUM VITAE TA' PETER PRAET....................................................6

ANNESS (2): TWEĠIBIET TA' PETER PRAET GĦALL-KWESTJONARJU ......................7

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....................................................7

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**
**(00003/2011 – C7-0058/2011 – 2011/2011(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 (00003/2011),

– wara li kkunsidra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0058/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0064/2011),

A. billi b'ittra tat-18 ta' Frar 2011 il-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Peter Praet bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2011,

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament imbagħad evalwa l-kredenzjali tal-persuna nnominata, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fid-dawl tal-ħtieġa tal-indipendenza sħiħa tal-BĊE skont l-Artikolu 130 ta' dak it-Trattat, u billi fit-twettiq ta' din l-evalwazzjoni, il-kumitat irċieva CV mingħand il-kandidat kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju bil-miktub li ntbagħatlu,

C. billi l-kumitat imbagħad kellu smigħ ta' siegħa u nofs mal-persuna nnominata fis-16 ta' Marzu 2011, li fiha għamel dikjarazzjoni tal-ftuħ u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-kumitat,

1. Jagħti opinjoni favorevoili lill-Kunsill Ewropew dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Peter Praet bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din-id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill.

## **ANNESS (1):** CURRICULUM VITAE TA' **PETER PRAET**

Peter Praet inħatar bħala Direttur Eżekuttiv tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju fl-2000 u huwa responsabbli għall-istabbiltà finanzjarja u għas-sorveljanza tal-infrastrutturi finanzjarji u s-sistemi ta' pagament. Fl-2002 inħatar ukoll bħala Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Bankarja, Finanzjarja u tal-Assigurazzjonijiet (CBFA) tal-Belġju, u huwa responsabbli għall-politika prudenzjali fil-qasam bamkarju u tal-assigurazzjoni.

Qabel ma ngħaqad mal-Bank Nazzjonali, is-Sur Praet qeda dmiru bħala kap tal-kabinett għall-Ministru tal-Finanzi Belġjan mill-1999 sal-2000, bħala ekonomista kap ta' Générale de Banque u ta' Fortis Bank mill-1988 sal-1999, bħala professur tal-ekonomija fl-Université Libre de Bruxelles mill-1980 sal-1987, u bħala ekonomista mal-Fond Monetarju Internazzjonali mill-1978 sal-1980.

Is-Sur Praet kiseb Ph.D. fl-ekonomija mill-Université Libre de Bruxelles (ULB) fl-1980. Ilu Professur tal-Ekonomija fl-ULB sa mill-1980. Attwalment jgħallem l-istudji monetarji u bankarji fl-Université Libre de Bruxelles, u mill-2001 sal-2004 kellu l-kariga ta' President tal-Etika fin-Negozju fil-Faculté Polytechnique u s-Solvay Business School tal-ULB.

Is-Sur Praet jaqdi dmiru f'diversi kumitati internazzjonali ta' livell għoli, inklużi l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, il-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu, il-Kumitat dwar is-Sistema Finanzjarja Globali, u l-Awtorità Bankarja Ewropea. Huwa l-Prim Supplent tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali. Barra minn hekk, ippresieda l-Kumitat dwar is-Superviżjoni Bankarja tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

F'dawn id-diversi karigi, ippresieda għadd ta' task forces u gruppi ta' ħidma. Attwalment huwa l-President tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istrateġiji rigward id-Dħul Fiss tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet tal-Kumitat dwar is-Sistema Finanzjarja Globali kif ukoll il-Kopresident tat-Task Force għar-Riċerka tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja.

Is-Sur Praet ilu membru tal-bord tal-grupp ta' riflessjoni Ewropew BRUEGEL (Laboratorju Ekonomiku Globali u Ewropew ta' Brussell) mill-2004 u huwa membru tal-Kunsill Konsultattiv Internazzjonali taċ-Ċentru Internazzjonali għar-Regolazzjoni Finanzjarja (ĊIRF).

**PETER PRAET**

Direttur Eżekuttiv

Imwieled f'Hercehn (Il-Ġermanja), fl-20 ta' Jannar 1949
Nazzjonalità: Belġjana

**Karigi**

- Direttur Eżekuttiv tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju, inkarigat mill-Istabbiltà Finanzjarja u s-Sorveljanza tal-Infrastrutturi Finanzjarji u s-sistemi ta' pagament

- Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Bankarja, Finanzjarja u tal-Assigurazzjonijiet (CBFA), inkarigat mill-Politika Prudenzjali Bankarja/tal-Assigurazzjoni
- Prim Supplent tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI)
- Membru supplenti tal-Laqgħa dwar l-Ekonomija Globali tal-BĦI
- Membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv Ekonomiku tal-BĦI
- President tal-Kumitat dwar is-Superviżjoni Bankarja (KSB) tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

**Membru**

Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (KBSB)
Kumitat ta' Basel dwar is-Sistema Finanzjarja Globali (KSFG)
President tal-Grupp ta' Ħidma tal-KSFG dwar l-Istrateġiji rigward id-Dħul Fiss tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjoijiet
Kopresident tat-Task Force għar-Riċerka tal-KBSB
Kumitat ta' Basel dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (KSPS)
Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE), minn Jannar 2011 l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE)
Bord tal-Laboratorju Ekonomiku Globali u Ewropew ta' Brussell (BRUEGEL) (2004 – 2011)
Bord tad-Diretturi tal-XBRL (Extensible Business Reporting Language)
Kunsill Għoli tal-Finanzi tar-Renju tal-Belġju
Task Force Lamfalussy 2008 għal arkitettura finanzjarja ġdida fil-Belġju
Bord Konsultattiv Akkademiku tal-Istitut tal-Finanzi ta' Brussell – IFB
Kunsill Konsultattiv Internazzjonali taċ-Ċentru Internazzjonali għar-Regolazzjoni Finanzjarja (ĊIRF)
Kumitat tar-Riskji u l-Istituti Finanzjarji Sistemiċi(CREFS)

**Funzjonijiet Akkademiċi**

Studji Monetarji u Bankarji, Solvay Business School u Dipartiment tal-Ekonomija, Université Libre de Bruxelles (ULB)
Koordinament Makroekonomiku – Istitut tal-Istudji Ewropej

**Lawrji**

Baċellerat fl-ekonomija - ULB (1971)
Masters fl-ekonomija - ULB (1972)
Ph.D. fl-ekonomija - ULB (1980)

**Attivitajiet professjonali ewlenin**

| | |
|---|---|
| 1973 – 1975 | Assistent tar-riċerka fid-Dipartiment tal-ekonomija applikata u fl-Istitut tal-Istudji Ewropej, Université Libre de Bruxelles (ULB) |
| 1976 | Servizz militari |
| 1977 – 1978 | Assistent tar-riċerka fl-Istitut tal-Istudji Ewropej, ULB |
| 1978 – 1980 | Ekonomista mal-Fond Monetarju Internazzjonali, Washington D.C. |
| 1980 – 1987 | Professur tal-ekonomija, ULB<br>*Tagħlim*:<br>• Studji monetarji u bankarji<br>• Unjoni ekonomika u monetarja<br>• Koordinament tal-politiki makroekonomiċi |
| 1987 – 1999 | Ekonomista Kap ta' Générale de Banque, imbagħad ta' Fortis Bank |
| 1999 – 2000 | Kap tal-Persunal tal-Ministru tal-Finanzi Belġjan |
| Nov. 2000 sal-lum | Direttur Eżekuttiv tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju |
| Nov. 2002 sal-lum | Membru tal-Bord tal-Kummissjoni Bankarja, Finanzjarja u tal-Assigurazzjonijiet (CBFA) |

## ANNESS (2): TWEĠIBIET TA' PETER PRAET GĦALL-KWESTJONARJU

### A. Sfond personali u professjonali

**1. Jekk jogħġbok semmi l-aspetti ewlenin tal-esperjenza professjonali tiegħek fi kwistjonijiet monetarji, finanzjarji u kummerċjali.**

Il-karriera professjonali tiegħi ffukat fuq kwistjonijiet monetarji u finanzjarji fl-oqsma akkademiċi u bankarji bħala membru taċ-ċivil u bankier ċentrali.

Wara li ksibt Ph.D. fl-Ekonomija mill-Université Libre de Bruxelles (ULB) u wara sentejn bħala ekonomista mal-FMI, kelli l-kariga ta' Professur tal-Ekonomija fl-ULB bejn l-1980 u l-1987.

Mill-1987 sal-1999, kont l-ekonomista kap ta' banek ewlenin fil-Belġju. Dan tani għarfien tajjeb tad-diversi dimensjonijiet tan-negozju bankarju.

Bejn l-1999 u l-2000, kont il-kap tal-persunal tal-Ministru tal-Finanzi Belġjan. Mill-2000 sal-lum kont id-direttur eżekuttiv tal-Bank Nazzjonali tal-Belġju (BNB), b'responsabblità għall-istabbiltà finanzjarja u għas-sorveljanza tal-infrastrutturi finanzjarji u s-sistemi ta' pagament. Fl-2002 inħtart ukoll fil-Bord ta' Tmexxija tal-Kummissjoni Bankarja, Finanzjarja u tal-Assigurazzjonijiet (CBFA) tal-Belġju, b'responsabbiltà għall-politika prudenzjali fil-qasam bankarju u tal-assigurazzjoni. F'dawn iż-żewġ karigi (BNB u CBFA), qdejt dmiri f'diversi kumitati internazzjonali ta' livell għoli (ara l-mistoqsija 2).

**2. Jekk jogħġbok semmi l-aspetti ewlenin tal-esperjenza Ewropea u internazzjonali tiegħek.**

Mill-2000 sal-lum, kont membru ta' diversi kumitati Ewropej u internazzjonali ta' livell għoli, inklużi l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, il-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu, il-Kumitat dwar is-Sistema Finanzjarja Globali u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej li reċentement sar l-Awtorità Bankarja Ewropea. Barra minn hekk, inħtart mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex nippresiedi l-Kumitat dwar is-Superviżjoni Bankarja tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali bejn l-2007 u l-2011.

F'dawn id-diversi karigi, ġejt mistieden nippresiedi għadd ta' task forces u gruppi ta' ħidma. Attwalment, jiena l-President tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istrateġiji rigward id-Dħul Fiss tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet tal-Kumitat dwar is-Sistema Finanzjarja Globali u l-Kopresident tat-Task Force għar-Riċerka tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja. Jiena wkoll membru tal-Grupp ta' Ħidma ad hoc tal-KEF dwar l-Immaniġġjar tal-Kriżijiet.

Bejn l-2000 u l-2005 kont responsabbli għal kwistjonijiet rigward il-politika internazzjonali fil-Bank Nazzjonali tal-Belġju, li jkopru l-FMI, il-BĦI, l-OKŻE u l-UE.

Ili membru tal-bord tal-grupp ta' riflessjoni Ewropew BRUEGEL (Laboratorju Ekonomiku Globali u Ewropew ta' Brussell) mindu twaqqaf fl-2004 u jiena membru tal-Kunsill

Konsultattiv Internazzjonali taċ-Ċentru Internazzjonali għar-Regolazzjoni Finanzjarja (ĊIRF).

**3. Liema kienu l-aktar deċiżjonijiet importanti li kellek sehem fit-teħid tagħhom fil-karriera professjonali tiegħek?**

Kelli sehem fit-teħid ta' ħafna deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali fi kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji.

Fil-livell nazzjonali, bħala kap tal-persunal tal-Ministru tal-Finanzi Belġjan, kont involut f'riformi ewlenin regolatorji u rigward it-tassazzjoni. Nixtieq insemmi wkoll il-ħolqien fl-2002 ta' Dipartiment ġdid dwar l-Istabbiltà Finanzjarja fil-Bank Nazzjonali tal-Belġju, biex issir enfasi akbar fuq l-analiżi u r-riċerka f'dan il-qasam. Aktar reċentement, ħadt sehem attiv fil-ġestjoni tal-kriżi finanzjarja fil-Belġju, u kont membru tal-grupp ta' livell għoli Lamfalussy, li fassal arkitettura superviżorja ġdida għall-Belġju.

Reċentement tajt il-kontribut tiegħi wkoll lil gruppi politiċi internazzjonali b'reazzjoni għall-kriżi. Fil-livell Ewropew, ħadt sehem attiv f'inizjattivi biex tissaħħaħ il-ġestjoni transkonfinali tal-kriżijiet fis-settur finanzjarju. Bħala membru tal-Kumitat ta' Basel, ħdimt bl-akbar ħerqa biex is-sistema finanzjarja ssir aktar reżiljenti permezz tal-hekk imsejjaħ pakkett Basel III.

**B. <u>Politika ekonomika u monetarja</u>**

**4. X'se jkunu l-objettivi ewlenini li se tipprova tilħaq matul it-tmien snin tal-mandat tiegħek bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew?**

L-ewwel u qabel kollox nirrispetta bis-sħiħ il-mandat tal-BĊE mogħti mit-Trattat.

B'konformità mal-kompetenzi tal-BĊE, naġixxi b'mod indipendenti fl-interess ġenerali taż-Żona tal-euro u tal-UE kollha, kif ukoll taċ-ċittadini tagħhom.

Nagħti importanza kbira lill-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' rendikont. Nemmen ukoll li t-teħid tad-deċiżjonijiet kolleġġjali u persunal professjonali ħafna huma riżorsi kbar għall-BĊE.

**5. X'inhi l-valutazzjoni tiegħek tal-politika monetarja kif ġiet implimentata mis-SEBĊ għal 12-il sena? X'bidliet, jekk taħseb li hemm bżonnhom, tippromwovi meta ssir Membru tal-Bord Eżekuttiv?**

Ġeneralment, fil-fehma tiegħi l-politika monetarja fiż-żona tal-euro żviluppat b'mod sodisfaċenti. Stħarriġ u indikaturi tas-swieq finanzjarji għall-aspettattivi dwar l-inflazzjoni kienu ġeneralment konformi mad-definizzjoni tal-BĊE tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Dan l-ankraġġ tal-aspettattivi dwar l-inflazzjoni juri l-livell għoli ta' kredibilità li s-swieq u l-pubbliku jagħtu lill-impenn tal-BĊE li jagħti dak li hu mistenni li jagħti, i.e. l-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-BĊE laħaq dan l-objettiv minkejja ħafna sfidi straordinarji li kellu jaffaċċja f'dawn l-aħħar 12-il sena. Il-BĊE irreaġixxa minnufih meta l-inkwiet finanzjarju sploda fl-2007 u meta mbagħad inbidel fi kriżi finanzjarja. Anke f'dan il-perjodu, bi ftit xhur ta' rati tal-inflazzjoni negattivi, l-aspettattivi dwar l-inflazzjoni fuq perjodu medju u twil ta' żmien baqgħu ankrati sew.

Madankollu, il-kriżi finanzjara qajmet diversi mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-politika monetarja u l-istabbiltà finanzjarja. Għarfien aħjar tar-rwol tas-settur finanzjarju fil-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja huwa essenzjali. Kif imsemmi fit-tweġiba 6, il-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-assi huwa element importanti wieħed fi strateġija soda dwar il-politika monetarja.

**6. Spiss jingħad li minħabba bidliet strutturali fl-ekonomija dinjija, l-inflazzjoni nbidlet minn inflazzjoni fil-prezijiet tal-konsumatur għal inflazzjoni fil-prezzijiet tal-assi. X'inhi l-fehma tiegħek dwar dan u x'konsegwenzi tara għall-politika monetarja?**

Matul l-aħħar 30 sena l-livell ta' inflazzjoni u l-volatilità tagħha naqsu l-ewwel fl-ekonomiji żviluppati, imbagħad, aktar 'il quddiem, f'dawk li qed jiżviluppaw. Sa ma faqqgħet il-kriżi finanzjarja, id-dibattitu ffoka għal żmien twil fuq interpretazzjonijiet possibbli tal-hekk imsejħa "Great Moderation" bħal bidliet strutturali inklużi l-globalizzazzjoni u politika monetarja aktar effiċjenti. X'aktarx li t-tweġiba hi li dawn iż-żewġ fatturi t-tnejn li huma kkontribwew biex titnaqqas l-inflazzjoni u l-volaltilità tagħha.

Madankollu, ma nistgħux ngħidu li l-ġlieda kontra l-inflazzjoni ntrebħet definittivament u li dħalna f'era ġdida fejn l-inflazzjoni tidher aktar fil-prezzijiet tal-assi milli fil-prezzijiet tal-konsumatur. Fl-istess ħin, huwa veru li l-iżviluppi kontrollati fid-dinamika tal-inflazzjoni, bit-tnaqqis tal-primjum tar-riskju mitlub mis-swieq finanzjarji, setgħu kkontribwew għat-tħeġġiġ ta' żviluppi insostenibbli f'xi prezzijiet tal-assi. Meta nħarsu 'l quddiem, il-banek ċentrali jridu jħarsu l-kredibilità tagħhom li tant stinkaw biex jiksbu matul l-aħħar 30 sena u jridu jibqgħu jiffukaw fuq l-objettiv tagħhom ta' stabbiltà tal-prezzijiet, filwaqt li jqisu b'mod xieraq l-implikazzjonijiet tal-iżviluppi fil-prezzijiet tal-assi għar-riskji fuq perjodu medju u twil ta' żmien għall-istabbiltà tal-prezzijiet.

Il-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-assi huwa element importanti wieħed fi strateġija soda dwar il-politika monetarja. Żviluppi insostenibbli fil-prezzijiet tal-assi jistgħu jwasslu għal aġġustamenti diffiċli – anke fil-futur imbiegħed – li jistgħu jipperikolaw l-abbiltà ta' bank ċentrali li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet għal żmien twil. L-istrateġija tal-BĊE dwar il-politika monetarja, pereżempju, hija mfassla b'tali mod li r-riskji fuq perjodu itwal li joriġinaw minn dinamika insostenibbli tal-prezzijiet tal-assi jiġu inkorporati fid-deliberazzjonijiet dwar il-politika monetarja. Fl-analaiżi monetarja, li għandha rwol importanti fit-tiswir tal-prospettiva fuq perjodu medju u twil ta' żmien għall-iżviluppi tal-prezzijiet, il-valutazzjoni tal-iżviluppi rigward il-flus u l-kreditu tippermetti li wieħed isegwi l-interazzjonijiet bejn il-formazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tal-assi u l-ħolqien tal-kreditu u l-likwidità fis-settur finanzjarju. Dan jinkuraġġixxi lill-politika monetarja tadotta attitudni msejħa "imxi kontra l-kurrent" fil-konfront ta' żbilanċi inizjali tal-prezzijiet tal-assi li huma riflessi fid-dinamika tal-aggregati monetarji u tal-kreditu. Jgħin lill-politika monetarja tillimita l-akkumulazzjoni ta' bżieżaq ta' prezzijiet tal-assi matul iċ-ċikli finanzjarji u għalhekk biex l-istabbiltà tal-prezzijiet tinżamm għal żmien twil.

Madankollu, il-politika monetarja mhijiex neċessarjament l-istrument l-aktar xieraq biex jiġu ttrattati l-isplużjonijiet tal-prezzijiet tal-assi/kreditu. L-użu ta' strumenti makroprudenzjali mmirati kontra s-sorsi tal-esuberanza finanzjarja jista' jkun aktar xieraq. Fl-istess ħin, ftit għandna esperjenza b'dawn l-istrumenti.

**7. Kif tivvaluta l-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi għall-**

**politika monetarja? Hemm kunflitt fir-rigward tal-politika monetarja bejn il-ġlieda kontra r-reċessjoni u li wieħed jibqa' viġilanti fir-rigward tal-inflazzjoni (aspettattivi)?**

Il-politika monetarja tal-BĊE tiffoka fuq l-iżviluppi tal-prezzijiet fuq perjodu medju ta' żmien. Bidliet fil-pożizzjoni dwar il-politika monetarja jieħdu ftit żmien biex jaffettwaw l-ekonomija u, finalment, il-prezzijiet. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, kif qed jiġri attwalment, għalhekk taffettwa l-politika monetarja biss sal-punt li joħolqu riskji pożittivi għall-istabbiltà tal-prezzijiet fuq perjodu medju ta' żmien. Effetti fuq perjodu qasir ta' żmien fuq l-inflazzjoni ġenerali, li joriġinaw minn effetti diretti ta' prezzijiet ogħla tal-prodotti bażiċi fuq l-inflazzjoni, u minn effetti indiretti mill-użu tagħha bħala input fil-proċess tal-produzzjoni, bħala prinċipju mhumiex raġuni biex il-BĊE jirreaġixxi billi l-effett fuq il-prezzijiet tal-konsumatur ikun biss temporanju.

L-affarijiet jibdew isiru diffiċli jekk din il-pressjoni temporanja 'l fuq fuq il-prezzijiet tiġi integrata fl-imġiba tal-konsumaturi, tal-produtturi u tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji u twassal għall-iżvilupp ta' effetti indiretti. Barra minn hekk, fil-każ ta' tendenzi 'l fuq kontinwi fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, jista' jinħtieġ li l-bank ċentrali jintervjeni meta jista' jkun hemm ir-riskju li devjazzjoni kontinwa mill-objettiv dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet tipperikola l-ankraġġ sod tal-aspettattivi dwar l-inflazzjoni. F'każijiet bħal dawn, ikun jinħtieġ issikkar tal-politika monetarja biex titreġġa' lura sitwazzjoni ta' stabbiltà tal-prezzijiet u aspettattivi dwar l-inflazzjoni ankrati sew. Fis-sitwazzjoni attwali, jeħtieġ li nimmonitorjaw mill-qrib il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi u l-konsegwenzi tagħhom fuq l-ekonomija u l-inflazzjoni.

L-għan ewlieni tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq perjodu medju ta' żmien. Biex dan jintlaħaq, jistabbilixxi rati tal-imgħax, u attwalment jimplimenta wkoll miżuri mhux standard bl-għan li jiżguraw li r-rati tal-imgħax baxxi jiġu ttrasferiti lill-ekonomiji bħalma jiġri fi żminijiet normali. L-iżgurar tal-istabbiltà tal-prezzijiet huwa l-aqwa kontribut li l-BĊE jista' jagħti biex jiżdiedu l-prospetti għal irkupru ekonomiku sostenibbli (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 8).

**8. Bla ħasara għall-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet, fil-fehma tiegħek il-BĊE kif għandu jissodisfa l-obbligi sekondarji tiegħu skont it-Trattat (li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg sħiħ) u xi strument jista' juża l-BĊE biex jissodisfahom?**

B'konformità mat-Trattat, il-BĊE stabbilixxa benchmark numeriku ċar għall-kisba tal-istabbiltà tal-prezzijiet. L-għan tiegħu huwa li jżomm l-inflazzjoni anqas minn, iżda qrib, it-2% fuq perjodu medju ta' żmien u laħaq dan l-objettiv għalkollox mill-bidu nett. Jeżisti kunsens wiesa' dwar il-fatt li bank ċentrali ma jistax jinfluwenza t-tkabbir ekonomiku b'mod sostenibbli billi jibdel il-provvista tal-flus. Madankollu, l-istabbiltà tal-prezzijiet hija l-kontribut l-aktar importanti li l-politika monetarja tista' tagħmel biex jinkisbu ambjent ekonomiku favorevoli u livell għoli ta' impjieg. Tagħti kontribut strutturali lill-objettivi l-oħra tal-Unjoni Ewropea billi żżid il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija taż-żona tal-euro.

Bla ħsara għall-objettiv tal-istabbiltà tal-prezzijiet, it-Trattat jipprevedi wkoll l-appoġġ mis-SEBĊ tal-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Unjoni, bl-għan li jingħata kontribut, inter alia, għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa abbażi ta' tkabbir ekonomiku bilanċjat u bl-għan ta' impjieg sħiħ. Matul il-kriżi finanzjarja, il-politika monetarja rreaġiet għax-xokkijiet finanzjarji u ekonomiċi bl-orjentazzjoni xierqa fuq perjodu medju ta' żmien biex ikun żgurat ankraġġ sod tal-aspettattivi dwar l-inflazzjoni u biex jiġu stabbilizzati l-iżviluppi makroekonomiċi. Bla ma

pperikola l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE ta livell suffiċjenti ta' appoġġ lill-ekonomija bl-użu tal-istrument tiegħu tar-rata tal-imgħax. Barra minn hekk, minbarra tnaqqis tar-rata tal-imgħax konvenzjonali għal livelli storikament baxxi, ir-reazzjoni tal-BĊE kienet flessibbli biżżejjed skont ma kienu jirrikjedu ċ-ċirkustanzi. Adotta hekk imsejħa miżuri mhux standard bl-għan li jiżgura t-trażmissjoni bla xkiel tal-politika monetarja f'kuntest ta' inċertezza u instabbiltà kbar u mhux tas-soltu fis-swieq finanzjarji.

**9. Kif tiġġudika r-relazzjoni istituzzjonali bejn il-BĊE, il-Kunsill u/jew il-Grupp tal-euro? Taħseb li l-koordinament u s-sorveljanza ekonomika fil-Grupp tal-euro għandhom jittejbu?**

Il-BĊE jieħu sehem, fuq bażi permanenti, fil-laqgħat tal-Kunsill ECOFIN, tal-Grupp tal-euro u tal-kumitati preparatorji tagħhom. Il-President tal-BĊE jieħu sehem regolarment ukoll f'partijiet rilevanti tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew. Din il-kooperazzjoni mill-qrib tippermetti lill-BĊE jinforma lill-Ministri dwar id-deċiżjonijiet tiegħu rigward il-politika monetarja u dwar il-valutazzjoni tiegħu tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji. Bil-kuntrarju, permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu f'dawn il-fora, il-BĊE jidħol f'diskussjonijiet dwar il-politiki fiskali u politiki makroekonomiċi u strutturali oħra tal-Istati Membri tal-UE (kif previst mis-Semestru tal-UE), dwar kwistjonijet finanzjarji internazzjonali u dwar il-politiki tas-settur finanzjarju.

Madankollu, il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar il-governanza ekonomika fl-UE, il-koordinament u s-sorveljanza ekonomika għandhom tabilħaqq jissaħħu. Il-Grupp tal-euro għandu rwol kruċjali, billi jinkorpora l-pilastru "Ekonomiku" tal-UEM. L-għan ta' din il-kooperazzjoni msaħħa għandu jkun l-evitar tal-akkumulazzjoni ta' żbilanċi insostenibbli li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament bla xkiel tal-unjoni ekonomika u monetarja, filwaqt li jiġu żgurati pożizzjonijiet fiskali sostenibbli u jittejjeb il-potenzjal ta' tkabbir taż-żona tal-euro.

**10. X'taħseb dwar l-abbozz ta' proposti leġiżlattivi dwar ir-"riforma tal-governanza ekonomika" li qed jiġu diskussi attwalment fil-Parlament Ewropew? Taħseb li s-sorveljanza integrata hija pass 'il quddiem jew tippreferi tiffoka fuq is-sorveljanza baġitarja?**

Filwaqt li l-proposti mressqa mill-Kummissjoni jirrappreżentaw twessigħ u tisħiħ importanti tal-qafas eżistenti għas-sorveljanza makroekonomika u fiskali fl-UE, ma jaslux daqs il-"qabża quantum" fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UEM biex tinkiseb unjoni ekonomika aktar profonda kif talab il-BĊE. F'dan ir-rigward, nilqa' l-isforzi li saru mill-Parlament Ewropew u nittama li jużaw bis-sħiħ il-possibbiltà ta' manuvrar disponibbli fit-Tratatt biex isaħħu l-governanza ekonomika kemm jista' jkun fil-qafas tad-diskussjonijiet fururi tat-trilogu mal-Kunsill u l-Kummissjoni.

It-tagħlima ewlenija li għandna nieħdu minn kif is-sorveljanza ġiet ipprattikata fil-passat hija li jeħtieġ li r-regoli jiġu segwiti strettament u li kwalunkwe devjazzjoni tiġi segwita b'miżuri korrettivi kważi-awtomatiċi. Dan jista' jinkiseb permezz ta' proċeduri ċari u f'waqthom li jkunu faċli biex jiġu interpretati u implimentati.

Il-kriżi reċenti wriet li l-iżbilanċi makroekonomiċi jistgħu jġibu riskji kbar għall-finanzi pubbliċi, li jistgħu jseħħu malajr ħafna. Sar ukoll ċar ħafna li dawn ir-riskji ma ġewx immonitorjati u indirizzati biżżejjed fil-qafas tal-governazna attwali. Għalhekk jinħtieġ

approċċ aktar integrat rigward is-sorveljanza. Hija ħaġa tajba li skont is-Semestru Ewropew, iż-żmien propizju tad-diversi proċessi ta' sorveljanza jkun allinjat biex tiġi żgurata l-konsistenza, filwaqt li dawn il-proċessi jibqgħu legalment u proċeduralment separati.

## 11. Xi rwoli, relazzjonijiet u sfidi tara għall-BĊE u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà futur?

Fid-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-euro dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) tat-28 ta' Novembru 2010, approvata mill-Kunsill Ewropew fis-16-17 ta' Diċembru 2010, huma previsti għadd ta' kompiti għall-BĊE.

L-ewwel, il-Kummissjoni u l-FMI, flimkien mal-BĊE, se jinnegozjaw u jimmonitorjaw il-programmi ta' għajnuna finanzjarja u ekonomika għal pajjiżi taż-żona tal-euro li jitolbu l-għajnuna mill-MES, kif inhi l-prassi għall-Faċilità tas-Self Griega u għall-għajnuna mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (FESF) u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (MESF). Madankollu, il-BĊE m'għandux ikollu rwol ewlieni f'dan il-każ billi involviment qawwi wisq fil-monitoraġġ tal-programmi jista' jdgħajjef l-indipendenza tiegħu.

It-tieni, qabel l-għajnuna tal-MES, il-Kummissjoni u l-FMI, flimkien mal-BĊE, se jwettqu analiżi bir-reqqa tas-sostenibbiltà tad-dejn, li abbażi tagħha l-Grupp tal-euro jieħu deċiżjoni unanima dwar l-għoti ta' għajnuna.

It-tielet, l-effikaċja ġenerali tal-qafas previst għall-MES se tiġi evalwata fl-2016 mill-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE.

## 12. X'jimplika l-ħruġ ta' Eurobonds għall-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro?

Bonds iggarantiti b'mod konġunt, jew 'Eurobonds', ġew proposti minn diversi partijiet kemm bħala strument biex tiżdied il-likwidità fis-swieq tad-dejn sovran taż-żona tal-euro kif ukoll bħala mekkaniżmu possibbli biex jgħin ħalli tinstab soluzzjoni għall-kriżi attwali tad-dejn sovran.

Madankollu, l-ewwel iridu jiġu ttratatti diversi aspetti ewlenin. Qabel kollox, bonds iggarantiti b'mod konġunt b'rata tal-imgħax unika għaż-żona kollha joħolqu problema sinifikanti ta' inċentiv għall-"common pool". Jistgħu jostakolaw l-inċentivi għal prudenza fiskali fil-livell nazzjonali u jnaqqsu l-interess tal-pajjiżi li jieħdu miżuri li jiswewlhom politikament biex jipprevjenu u jsolvu l-kriżijiet huma stess. L-effetti negattivi fuq l-inċentivi jistgħu japplikaw mhux biss għall-pajjiżi li jibbenefikaw minn rati tal-imgħax aktar baxxi fuq tali bonds konġunti, iżda anke agħal dawk li jħallsu billi ma jibqgħux jieħdu l-benefiċċji ta' prudenza fiskali fil-passat.

Eurobonds konġunti jagħmlu aktar sens f'ambjent fejn ammont konsiderevoli ta' kompetenza fiskali tiġi trasferita mil-livell nazzjonali għal dak tal-Unjoni u fejn l-Unjoni jkollha strumenti biżżejjed biex tikkontrobatti l-effetti negattivi fuq l-inċentivi tal-bonds konġunti. Dan ikun jixbah l-arranġamenti finanzjarji attwali bejn il-gvern ċentrali u l-awtoritajiet reġjonali fl-istati federali.

## 13. X'taħseb li huma l-objettivi l-aktar importanti għall-istrateġija għat-tkabbir u l-

**impjieg sal-2020? Il-BĊE u l-istrumenti ta' koordinament ekonomiku u politiku kif jistgħu jikkontribwixxu għas-suċċess ta' din l-istrateġija? Jekk jogħġbok elenka skont l-importanza r-riformi strutturali li temmen li huma prijorità fl-UE.**

Huwa kruċjali li l-Ewropa żżid il-potenzjal ta' tkabbir tagħha. L-aħjar mod biex dan isir huwa li jinħoloq ambjent biex l-innovazzjoni tirnexxi u tinxtered. Ir-riżorsa ewlenija tal-Ewropa hija l-kapital uman. L-innovazzjoni għandha tgħin biex jiġu affrontati l-isfidi ambjentali u tinħtieġ produttività ogħla biex jogħlew l-istandards tal-għajxien u biex il-finanzi pubbliċi jsiru sostenibbli minkejja l-ispejjeż marbuta mat-tixjiħ.

Sorveljanza mtejba u msaħħa tal-politiki tal-Istati Membri, inkluż il-mekkaniżmu ġdid ta' sorveljanza makroekonomika propost mill-Kummissjoni, hija essenzjali għas-suċċess tal-Istrateġija UE 2020. Minbarra l-iżgurar tal-istabbiltà tal-prezzijiet, il-BĊE għandu jikkontribwixxi wkoll għall-istabbiltà finanzjarja biex jinħoloq ambjent li jiffaċilita t-tkabbir.

Fir-rigward tal-prijorità tar-riformi strutturali, huwa kruċjali li riformi strutturali u wiesa', li jikkomplementaw il-konsolidament fiskali, jiġu implimentati urġentement sabiex terġa' tiddaħħal il-kompetittività, u biex jinkiseb potenzjal akbar għat-tkabbir u l-impjieg. Definizzjoni moderata tas-salarji, inċentivi effikaċi għax-xogħol kif ukoll sforzi msaħħa dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ u t-tneħħija ta' riġiditajiet nominali u reali tas-suq tax-xogħol jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jitnaqqas il-qgħad strutturali fis-snin li ġejjin. Fil-każ tas-swieq tal-prodotti, politiki li jsaħħu l-kompetizzjoni nazzjonali u transkonfinali u jappoġġjaw l-innovazzjoni għandhom jiġu żviluppati aktar biex jitħaffu r-ristrutturazzjoni u l-investiment u jiġu ffaċilitati l-avvanzi fit-tkabbir tal-produttività. Dan jinkludi b'mod partikolari l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fil-qasam tas-servizzi transkonfinali. Ir-riformi strutturali għandhom jiġu appoġġjati wkoll minn riorganizzazzjoni u konsolidament xierqa tas-settur bankarju. Karti tal-bilanċ sodi, ġestjoni tar-riskju effikaċi u mudelli kummerċjali trasparenti u sodi għadhom importanti ferm għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-banek għax-xokkijiet kif ukoll biex ikun żgurat l-aċċess xieraq għall-finanzi, biex b'hekk jitqiegħdu l-pedamenti għat-tkabbir sostenibbli u l-istabbiltà finanzjarja.

**14. X'inhi l-opinjoni tiegħek rigward il-pass li bih l-Istati Membri Ġodda għandhom jissieħbu fl-unjoni monetarja u jadottaw l-Euro, meta jitqiesu l-kriterji ta' konverġenza kollha u l-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tar-rati tal-kambju (ERM II)? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-futur tal-unjoni monetarja Ewropea fuq perjodu twil ta' żmien u x'inhuma l-isfidi futuri?**

L-Istati Membri Ġodda kollha għandhom jadottaw l-euro ladarba jkunu kisbu livell għoli ta' konverġenza sostenibbli kif stabbilit mit-Tratatt u l-Protokoll. M'hemm l-ebda skeda ta' żmien predefinita għall-adozzjoni tal-euro. L-ewwel pass lejn l-adozzjoni tal-euro huwa l-parteċipazzjoni fl-ERM II. Matul dan il-perjodu l-Istati Membri għandhom juru li jistgħu jżommu l-istabbiltà tal-prezzijiet, id-dixxiplina finanzjarja kif ukoll il-kompetittività mingħajr sfidi ewlenin fir-rata tal-kambju. Il-valutazzjoni tal-kriterji ta' konverġenza hija bbażata fuq l-idea li s-sostenibbiltà hija ta' importanza fundamentali. Mingħajr konverġenza sostenibbli, il-pożizzjoni tal-BĊE rigward il-politika monetarja x'aktarx li ma tkunx xierqa għall-pajjiż, u jista' jkun hemm ir-riskju ta' serje ta' ċikli ta' żidiet u tnaqqis ("boom-bust") fil-prezzijiet, billi ma jkollux għodod politiċi importanti biex jistabbilizza l-kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali.

L-unjoni ekonomika u monetarja għandha futur b'saħħtu, iżda jeħtieġ li jittejjeb il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija Ewropea (ara l-mistoqsija 13) u li jissaħħaħ il-pilastru ekonomiku tal-UEM. F'dan ir-rigward, naqbel mal-BĊE li jiffavorixxi "qabża quantum" fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-UEM biex tinkiseb unjoni ekonomika aktar profonda. B'mod aktar speċifiku, hemm ħtieġa urġenti li titwessgħa u tissaħħaħ is-sorveljanza makroekonomika u baġitarja taż-żona tal-euro. L-ewwel u qabel kollox, dan ifisser regoli aktar b'saħħithom u vinkolanti għall-politika fiskali, sostnuti minn sanzjonijiet rinfurzati jew mekkaniżmi biex tkun żgurata l-konformità. It-tieni, jinħtieġ qafas ġdid biex tiġi mmonitorjata l-kompetittività u jiġi żgurat li jittieħdu miżuri li jipprevjenu l-iżvilupp ta' żbilanċi fis-settur privat (eż. tkabbir tal-kreditu eċċessiv). Sakemm it-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali u makroekonomika ma jkunx fih għalkollox ir-riskju ta' kriżijiet ta' dejn sovran, għandu jiġi stabbilit qafas permanenti ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet li jkun jista', bħala ultima ratio, jissalvagwardja l-istabbiltà taż-żona tal-euro kollha kemm hi.

**15. X'inhi l-fehma tiegħek dwar it-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji fuq perjodu qasir ta' żmien? Taħseb li taxxa fuq it-tranżazzjoni tal-muniti hija kompatibbli mat-Trattati tal-UE li jiggarantixxu l-libertà taċ-ċaqliq tal-kapital? Taħseb li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet tal-muniti li jinvolvu l-euro jista' jkollha effetti ta' benefiċċju – pereżempju billi tistabbilizza r-rati tal-kambju ta' pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fiż-żona tal-euro fil-futur?**

Il-kriżi finanzjarja enfasizzat problemi marbuta ma' eċċessi rigward il-prezzijiet tal-assi u ma' volatilità eċċessiva. Dawn il-kwistjonijiet iridu jiġu indirizzati. Madankollu, għadni m'iniex konvint li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq perjodu qasir ta' żmien tkun mod effikaċi biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Fi kwalunkwe każ, għandna naffrontaw dawn il-problemi fi ħdan il-qafas makroprudenzjali ġdid.

Kwistjonijiet tekniċi huma kontra l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Biex din it-taxxa tkun effikaċi l-evitar tat-taxxa għandu jitnaqqas kemm jista' jkun (eż. rilokazzjoni ġeografika tal-kummerċ lejn żoni fejn it-taxxa mhijiex applikata kif imsemmi hawn fuq u mobilità bejn prodotti finanzjarji differenti). Għal dan l-għan, it-taxxa għandha tiġi adottata fuq skala globali, u għandha tkopri firxa kbira ta' prodotti. Dan iwassal għal kwistjonijiet serji ta' koordinament fid-definizzjoni tal-qafas legali u fl-implimentazzjoni stretta tiegħu.

Barra minn hekk, hemm ir-riskju li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tipproduċi effetti bil-kontra ta' dawk approvati minn min jappoġġjaha, partikolarment it-tnaqqis tal-volatilità u l-prevenzjoni tal-ispekulazzjoni. Naqbel mal-importanza ta' dawn l-objettivi iżda nemmen li hemm modi oħra bħar-regolazzjoni aktar b'saħħitha li jkunu aktar effiċjenti f'dan il-każ.

Jekk jitqiesu b'mod partikolari t-tranżazzjonijiet tal-muniti barranin, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet kollha tal-muniti barranin tista' tipproduċi effetti perversi billi ma tistax tiddiskrimina bejn klijenti li jirrikjedu l-munita għax-xiri ta' prodotti jew servizzi barranin u l-ispekulaturi. Parti konsiderevoli tas-suq tal-muniti barranin hija magħmula minn operaturi li jqassmu mill-ġdid bejniethom l-iżbilanċi marbuta mal-ordnijiet. Għalhekk, klijent wieħed jista' jagħti bidu għal katina ta' diversi tranżazzjonijiet bejn l-operaturi. F'dan il-każ, taxxa applikata għall-ammont nozzjonali tat-tranżazzjoni f'kull stadju fil-katina, twassal għall-multiplikazzjoni tat-taxxa totali li l-kost tagħha presumibilment ikollu jħallsu kollu kemm hu l-klijent.

M'iniex espert legali iżda ninnota li l-BĊE, f'opinjoni uffiċjali, qajjem mistoqsijiet legali dwar taxxi attwali fuq it-tranżazzjonijiet fil-pajjiżi membri tal-UE fost oħrajn fir-rigward tal-kompatibbiltà mat-Trattat.

**16. X'inhi l-fehma tiegħek dwar ir-rwoli rispettivi tal-Kunsill u l-BĊE fir-rigward tar-rappreżentanza esterna taż-żona tal-euro?**

Ir-rappreżentanza tal-'fergħa monetarja' tal-UEM hija unifikata u konsistenti. Il-politika monetarja unika hija rappreżentata permezz tal-BĊE fl-istituzzjonijiet u l-fora internazzjonali rilevanti kollha. Il-politika monetarja hija kompetenza esklużiva tal-UE li timplika li l-Unjoni għandha r-responsabbiltà unika li tirrappreżentaha esternament. Ċarezza simili tapplika għal kwistjonijiet rigward ir-rata tal-kambju, li hija wkoll kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Ir-rappreżentanza ta' din il-kompetenza hija żgurata permezz tal-BĊE u l-Kunsill ECOFIN (fil-kompożizzjoni taż-żona tal-euro).

Ir-rappreżentanza esterna tal-politiki ekonomiċi taż-żona tal-euro hija konformi mal-qsim tar-responsabbiltajiet interni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri li jibqgħu possibbli għall-politiki ekonomiċi, skont qafas Ewropew. Filwaqt li l-Istati Membri huma membri ta' fora ekonomiċi internazzjonali bħall-FMI, fejn jistgħu jassumnu responsabbiltajiet finanzjarji, jeħtieġ li jaġixxu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjoni responsabbli tal-Unjoni kull meta suġġett partikolari kollu jew parti minnu jaqa' taħt kompetenza tal-Unjoni.

Qed isiru sforzi favur koordinament akbar. L-Artikolu 138 tat-Trattat jipprevedi għall-Kunsill (fil-kompożizzjoni taż-żona tal-euro) il-possibbiltà li jadotta "pożizzjonijiet komuni dwar materji ta' interess partikolari għall-unjoni ekonomika u monetarja" u li "jassigura rappreżentanza magħquda fl-istituzzjonijiet u l-konferenzi finanzjarji internazzjonali". Fuq perjodu twil ta' żmien, jiena favur, hekk kif il-governanza ekonomika tissaħħaħ u l-pożizzjonijiet isiru aktar koordinati, euro unika jew rappreżentanza tal-UE f'fora internazzjonali, sakemm il-mekkaniżmi deċiżjonali interni Ewropej ikunu effiċjenti.

**17. Kif tivvaluta l-evoluzzjoni reċenti tar-rata tal-kambju USD/EUR? Kif tivvaluta l-evoluzzjoni reċenti tar-rata tal-kambju Renminbi/EUR? Taħseb li l-Banek Ċentrali kapaċi jiġġieldu b'mod effiċjenti kontra l-volatilità eċċessiva? Taħseb li r-rwol internazzjonali tal-Euro għandu jitħeġġeġ?**

L-iżviluppi fir-rati tal-kambju matul l-aħħar 14-il xahar kienu fil-biċċa l-kbira msawra mill-evoluzzjoni tal-irkupru ekonomiku, il-kundizzjonijiet fiskali u l-politika monetarja madwar id-dinja. Fl-ewwel sitt xhur tal-2010 l-euro ddeprezza meta mqabbel mad-USD u dan irrifletta preokkupazzjonijiet li qed jiżdiedu dwar is-sitwazzjoni tad-dejn sovran f'xi pajjiżi taż-żona tal-euro kif ukoll irkupru makroekonomiku aktar b'saħħtu fl-Istati Uniti milli fiż-żona tal-euro. Fit-tieni parti tas-sena l-euro rpilja, għalkemm kienn hemm ftit volatilità, l-aktar minħabba t-taffija ta' preokkupazzjonijiet rigward id-dejn sovran u stimolu ekonomiku addizzjonali fl-Istati Uniti. F'Jannar u Frar 2011, ir-rati tal-kambju rriflettew l-aktar l-inċertezza dwar żviluppi futuri f'xi pajjiżi li jipproduċu ż-żejt.

Mindu waqaf l-irbit de facto tiegħu mad-USD f'Ġunju 2010, ir-renminbi apprezza b'madwar 4% meta mqabbel mad-dollaru Amerikan, iżda ddeprezza b'aktar minn 7% meta mqabbel mal-euro u bi 3% f'termini effettivi nominali. Naħseb li l-awtoritajiet Ċiniżi għandhom jużaw il-flessibbiltà offruta mill-qafas politiku ġdid biex jippermettu apprezzament gradwali tar-

renminbi f'termini effettivi. Il-komunità internazzjonali taqbel – u dan reġa' gie ddikjarat mill-Kapijiet tal-G20 f'Seoul is-sena l-oħra – li t-triq lejn sistemi ta' rati tal-kambju aktar determinati mis-swieq, it-tisħiħ tal-istabbiltà tar-rati tal-kambju biex tirrifletti prinċipji ekonomiċi ta' bażi, u l-fatt li ma jsirx żvalutar kompetittiv tal-muniti, huma fl-interess tal-ekonomiji emerġenti konċernati, inkluża ċ-Ċina, kif ukoll tal-komunità internazzjonali.

Huwa ċar li volatilità żejda u ċaqliq bla ordni fir-rati tal-kambju għandhom implikazzjonijiet negattivi għall-istabbiltà ekonomika u finanzjarja. Rigward l-abbiltà tal-banek ċentrali li jindirizzaw il-volatilità tar-rati tal-kambju, iż-żona tal-euro adottat reġim flessibbli ta' rati tal-kambju, li jimplika li l-valur estern tal-euro fir-rigward tal-muniti ta' pajjiżi terzi huwa determinat mis-suq. Dan jippermetti lill-BĊE jiffoka fuq l-objettiv tiegħu – iż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet – u għandu jikkontribwixxi biex tiġi limitata l-volatilità tar-rati tal-kambju.

Naqbel mal-politika tal-BĊE, li ilu japplika mill-bidu tal-unjoni monetarja fl-1999, li la jħeġġeġ u lanqas jostakola l-użu internazzjonali tal-euro. Żviluppi fir-rwol tal-euro internazzjonalment huma primarjament ir-riżultat ta' forzi tas-suq u ta' deċiżjonijiet tas-settur privat. Il-kredibilità tal-politika monetarja tal-BĊE tħeġġeġ użu akbar tal-euro fi tranżazzjonijiet internazzjonali.

**18. Kif tivvaluta l-kisbiet tal-G20? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-livell attwali ta' koordinament?**

Il-G20 kien strumentali fl-għoti ta' impetu politiku ta' livell għoli għat-trażżin tal-kriżi, il-ġestjoni tal-kriżi u l-prevenzjoni ta' kriżi fil-futur. Il-koeżjoni tal-G20 trid tiġi żgurata anke meta l-kriżi tkun għaddiet. Għalhekk huwa tajjeb ferm li l-Kapijiet tal-G20, matul is-Samit ta' Seoul f'Novembru 2010, enfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni politika internazzjonali kontinwa biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-kriżi finanzjarja u biex jitqiegħdu l-pedamenti għal tkabbir ekonomiku globali sod. Irrid ngħid li l-livell għoli ta' responsabbiltà kollettiva min-naħa tal-membri tal-G20 qawwieli qalbi. Fl-istess ħin, ninnota li l-eteroġeneità tal-membri tal-G20 tagħmilha ferm aktar diffiċli li jiġu kkoordinati pożizzjonijiet komuni u li jinstab qbil dwarhom. Barra minn hekk, huwa importanti li l-proċess isir aktar inklużiv, biex jinvolvi lil pajjiżi oħra.

Fost id-diversi punti fl-aġenda tal-G20, nenfasizza dawn:

L-ewwel, il-Qafas tal-G20 għal Tkabbir b'Saħħtu, Sostenibbli u Bilanċjat huwa mekkaniżmu utli fil-kooperazzjoni multilaterali. Issa huwa vitali li l-membri kollha tal-G20, flimkien mal-FMI jissodisfaw għalkollox l-impenji li ħadu f'dan il-qafas. F'dan ir-rigward, miżuri sodi biex jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fiskali u riformi strutturali ambizzjużi huma fundamentali. L-Ewropa għandha tkun ta' eżempju.

It-tieni, il-Kapijiet tal-G20 approvaw il-pedamenti ewlenin għat-trasformazzjoni tas-sistema finanzjarja, inkluża l-ħidma importanti li saret mill-Kumitat ta' Basel u l-FSB. Issa huwa importanti li l-membri tal-G20 jagħmlu aktar progress rigward l-implimentazzjoni tal-ftehimiet milħuqa.

## C. <u>Stabbiltà u Superviżjoni Finanzjarji</u>

**19. X'tirrakkomanda biex jissaħħu r-rabtiet bejn is-superviżjoni makro u mikro?**

**Temmen li l-BERS u l-ASE se jkollhom setgħat effettivi?**

Is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji li għadha kif ġiet stabbilita hija l-ewwel pass biex tingħata spinta lill-kooperazzjoni bejn is-superviżjoni prudenzjali mikro u makro. Is-Sistema għandha tkun żviluppata fuq kultura ta' superviżjoni komuni bejn l-awtoritajiet biex jittejbu l-komplementarjetajiet tas-superviżjoni prudenzjali mikro u makro u biex tissaħħaħ is-superviżjoni transkonfinali. It-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-BERS għandhom jaġixxu dwar skambju adegwat u effikaċi ta' informazzjoni, analiżi ta' dejta u metodoloġiji.

Biex ikunu effikaċi, il-BERS u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jisfruttaw bis-sħiħ il-kompetenzi u l-istrumenti mogħtija mir-regolamenti. B'mod partikolari, il-qafas legali jipprevedi ċerti setgħat vinkolanti għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, inklużi standards tekniċi infurzabbli meta trasposti fil-liġi tal-UE, l-awtorità li jinvestigaw dwar ksur tal-liġi tal-UE u stimolu possibbli ta' strumenti legali vinkolanti għall-impriżi jew il-parteċipanti fis-suq. Bil-kontra, il-leġiżlatur ta lill-BERS rwol ta' "aġixxi jew spjega". Dawn is-setgħat jistgħu jkunu effikaċi jekk ankrati mal-kredibilità, ir-reputazzjoni istituzzjonali u l-eċċellenza. Tali awtorità intellettwali tiddependi, fost affarijiet oħra, mill-indipendenza tal-BERS u tal-ASE, minn persunal adegwat u mill-għoti ta' baġit.

**20. Fir-rigward tal-BERS, tara kunflitt ta' interess potenzjali mal-mandat tal-BĊE b'rabta mal-politika monetarja?**

Ma nara l-ebda kunflitt ta' interess. Ir-responsabbiltajiet politiċi tal-BĊE u tal-BERS huma distinti b'mod ċar. L-għan ewlieni tal-BĊE huwa li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, jikkontribwixxi għat-"twettiq bla xkiel tal-poltiki tal-awtoritajiet kompetenti rigward... l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja" u jippromwovi l-funzjonament bla intoppi tal-infrastrutturi tas-suq. Min-naħa l-oħra l-BERS huwa responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali fis-sistema finanzjarja kollha tal-UE, jidentifika r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u, fejn ikun meħtieġ, joħroġ twissijiet u rakkomandazzjonijiet għal azzjoni sabiex jiġu indirizzati dawk ir-riskji. Hemm mandat ċar u effiċjenti biex il-politika monetarja tintuża biex tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet u sett ta' għodod makroprudenzjali (li jrid jiġi żviluppat aktar) biex jiġu indirizzati r-riskji għas-sistema finanzjarja.

Madankollu, wieħed irid jirrikonoxxi li l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-istabbiltà finanzjarja ma jistgħux jiġu analizzati indipendentement minn xulxin. Fuq perjodu twil ta' żmien, l-istabbiltà tal-prezzijiet tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li l-istabbiltà finanzjarja hija prerekwiżit għall-abbiltà tal-bank ċentrali li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Għaldaqstant, l-objettivi tal-BĊE u tal-BERS isaħħu lil xulxin.

Madankollu, wieħed jista' jaħseb ukoll f'sitwazzjonijiet li fihom l-użu ta' strumenti tal-politika monetarja jaffettwa l-istabbiltà finanzjarja u viċi versa fejn l-istrumenti tal-politika makroprudenzjali għandhom impatt fuq l-inflazzjoni. Jiena fiduċjuż li l-indipendenza tal-BĊE u l-BERS tiżgura li l-istrumenti politiċi rispettivi jkunu mmirati lejn l-objettivi li għalihom tfasslu l-istrumenti. Barra minn hekk, minħabba r-rappreżentanza ta' gvernaturi tal-banek ċentarli fil-BERS, il-fluss ta' informazzjoni meħtieġ fir-rigward tas-sitwazzjoni makroekonomika kif ukoll tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jiġi ggarantit kważi ċertament.

Anke meta l-politika makroprudenzjali ma tirnexxix (fis-sens li jew ma tkunx effikaċi jew tiġi implimentata b'mod insuffiċjenti mill-awtoritajiet kompetenti), m'hemm l-ebda kunflitt fit-tul għall-bank ċentrali minħabba l-allinjament tal-istabbiltà finanzjarja u tal-prezzijiet fit-tul (ara

l-mistoqsija 6). Fuq perjodu medju u fit-tul, f'dak il-każ il-bank ċentrali jista' jkollu jadotta atteġġjament "imxi kontra l-kurrent" rigward żbilanċi finanzjarji dejjem jikbru u jaċċetta devjazzjoni temporanja mid-definizzjoni kwantitattiva tiegħu tal-istabbiltà tal-prezzijiet (eż. inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur kemm kemm aktar baxxa fi żminijiet ta' splużjoni ġenerali dejjem tikber fil-prezzijiet tal-assi). Tali politika tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u tal-prezzijiet fuq perjodu twil ta' żmien, billi tgħin fit-trażżin tal-iżbilanċ finanzjarju u għalhekk tiġi evitata disinflazzjoni qawwija jew saħansitra deflazzjoni matul il-fażi li fiha jkunu qed jinstabu s-soluzzjonijiet għal dawn l-iżbilanċi. Il-prinċipju imsejjaħ "imxi kontra l-kurrent" dejjem kien parti integrali mill-istrateġija fuq żewġ pilastri tal-BĊE permezz tal-pilastru monetarju u speċjalment tar-rabta bejn l-iżviluppi monetarji u tal-kreditu u ċ-ċikli finanzjarji ta' żidiet u tnaqqis li jiswew ħafna. Barra minn hekk, sitwazzjonijiet ta' sfida akbar għal min ifassal il-politika monetarja x'aktarx li jonqsu fir-rigward tal-frekwenza u s-severità, minħabba l-istabbiliment tal-BERS.

## 21 Kif tara r-rwol tal-BĊE fis-superviżjoni bankarja fil-futur?

L-istabbiliment tal-BERS, bħala korp ġdid responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tal-UE, u t-tisħiħ parallel tal-qafas ta' koordinament tal-UE bejn l-awtoritajiet nazzjoanli għas-superviżjoni mikroprudenzjali permezz tat-twaqqif tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, jirrappreżentaw pass importanti 'l quddiem biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-lakuni li żvelat il-kriżi finanzjarja.

Il-BĊE se jkollu rwol importanti fil-qafas il-ġdid, billi jipprovdi l-appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS, u anke lis-Segretarjat tal-BERS. Il-BĊE għandu jipprovdi għall-benefiċċju tal-BERS, bil-parteċipazzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill Ġenerali tal-BERS, il-kompetenza makroekonomika, finanzjarja u monetarja tal-banek ċentrali kollha tal-UE. Dan il-kontribut ikun mirfud mill-attivitajiet tal-BĊE u tal-BERS fid-diversi oqsma bankarji ċentrali (analiżi tal-istabbiltà finanzjarja, analiżi makroekonomika, ġbir ta' informazzjoni statistika) u mis-sinerġiji ġenerali fir-rigward ta' kompetenza, riżorsi u infrastruttura tal-Banek Ċentrali Nazzjonali tal-UE. Il-Kumitat dwar is-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE, li ppresedejt bejn l-2007 u l-2011, diġà kien attiv f'dan il-qasam. L-esperjenza u l-ħidma preparatorja tiegħu se jkunu utli għall-Kumitat Tekniku Konsultattiv il-ġdid tal-BERS.

Fl-aħħar nett, il-BĊE jieħu sehem fil-laqgħat tal-ABE kif ukoll tal-Kumitat Bankarju Ewropew (KBE) tat-tieni livell u jagħti l-kontribut tiegħu lid-diskussjonijiet tekniċi f'dawn il-fora. Barra minn hekk, kif inhu magħruf, il-BĊE jipprovdi opinjonijiet legali dwar l-inizjattivi kollha tal-UE (u nazzjonali) li jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja, bħal pereżempju d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (DRK) IV.

## 22 Liema huma l-kwistjonijiet fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji li l-aktar jidhrulek urġenti?

L-ewwel nett, iregoli BAsel III l-ġodda, inklużi miżri ġodda fuq proporzjonjiet tal-leverage, standards tal-likwidità u marġnijiet ta' lqugħ kontraċikliċi. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda tinsab għaddejja fl-Ewropa permezz ta' tibdiliet fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD IV), li l-Kummissjoni Ewropea qed taħdem fuqhom bħalissa. Hawnhekk nixtieq nenfasizza li hemm elementi ta' regolazzjoni prudenzjali li huma marbutin ħafna mas-superviżjoni makroprudenzjali, bħalma huma l-marġnijiet ta' lqugħ kontraċikliċi li l-BERS

mistenni jkollu rwol importanti fih, f'kollaborazzjoni mal-ABE.

It-tieni, ix-xogħol fuq istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika (IFIS). Dan għandu jitlesta fl-2011.

It-tielet, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet. F'dak li jirrigwarda l-UE, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet konsultazzjoni pubblika f'Jannar. Il-qafas propost fih dispożizzjonijiet għat-titjib tal-preparatezza għall-kriżijiet sew tal-awtoritajiet kif ukoll tal-istituzzjonijiet. Il-qafas il-ġdid tal-UE għandu jarmonizza r-reġimi nazzjonali u jipprovdi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għat-trattament effikaċi ta' fallimenti transkonfinali tal-banek. Jeħtieġ li jkun hemm ukoll arranġamenti ta' finanzjament kredibbli, skop li għalih jistgħu jintużaw imposti fuq il-banek biex jinġemgħu riżorsi għall-fondi ta' riżoluzzjoni.

Ir-raba', is-settur bankarju parallel. Fil-laqgħa tagħhom f'Seoul f'Novembru 2010, il-mexxejja tal-G20 talbu lill-FSB jiżviluppa rakkomandazzjonjiet sa nofs l-2011 biex isaħħaħ ir-regolazzjoni u s-superviżjoni tas-sistema bankarja parallela.

Il-ħames, is-Superviżjoni Makroprudenzjali. Sar xogħol fil-livelli nazzjonali, reġjoanli u internazzjonali, speċifikament mill-BIS, l-IMF u l-FSB, dwar (i) il-mili ta' lakuni tad-data u t-titjib tal-għodod analitiċi għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju sistemiku, (ii) it-tfassil ta' risposti ta' politika li jittarttaw l-istituzzjonijiet, is-swieq u l-infrastrutturi finanzjarji, u (iii) sforzi komprensivi għall-iżvilupp ta' oqfsa koerenti għas-superviżjoni u l-politika makroprudenzjali.

Is-sitt, il-Protezzjoni tal-Konsumaturi. Il-G20 tat mandat lill-FSB, lill-OECD u lil organizzazzjonijiet internazzjonali oħra biex jesploraw u jtejbu l-protezzjoni tal-konsumaturi. Dan se jippermetti li jitqiesu r-regoli jew il-prinċipji eżistenti għall-protezzjoni tal-konsumaturi li diġa ġew implimentati fil-livell Ewropew, bħall-MiFiD jew id-direttiva dwar il-krediti tal-konsumatur, li lill-konsumaturi joffrulhom grad għoli ta' protezzjoni.

Fl-aħħar nett, l-istandards tal-Kontabilità. Huma pożittivi l-isforzi ta' dan l-aħħar tal-Bord għal-Istandards tal-Kontabilità Finanzjarja (FASB) u l-IASB b'reazzjoni għas-sejħa tal-G20 għal konverġenza bejn il-US GAAP u l-IFRS. Madankollu, għad hemm diverġenzi kunċettwali sinifikanti f'oqsma ewlenin, bħalma huma l-klassifikazzjoni u l-kejl tal-istrumenti finanzjarji, li jeħtieġ li jiġu riżolti bil-għan li tinqeda t-talba tal-G20 għal sett waħdieni ta' standards tal-kontabilità ta' kwalità għolja.

## D. <u>Il-funzjonament tal-BĊE u r-responsabbiltà ta' rendikont demokratiku u t-trasparenza</u>

### 23. Ir-resposnabbiltajiet differenti tal-membri tal-Bord m'għandhomx jinbidlu biż-żmien, bi qbil mat-tibdiliet li seħħew fil-kompiti u l-prijoritajiet tal-BĊE?

Nixtieq nenfasizza li l-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huwa korp deċiżjonali kolleġjali. Fi ħdan din ir-responsabilità kollettiva għall-funzjonament komprensiv tal-BĊE, nifhem li l-Bord, għal raġunijiet operazzjonali/prattiċi, jaqbel dwar il-linji ta' rappurtar ta' kull qasam tax-xogħol tal-BĊE. Konkretament, dan ifisser li kull qasam tax-xogħol jirrapporta lil membri individwali tal-Bord filwaqt li l-Bord Eżekuttiv bħala tali huwa kollettivament responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-BĊE. Ma' dan t'hawn fuq, nifhem ukoll li l-Bord Eżekuttiv jirrevedi l-allokazzjoni tal-linji tar-rappurtar matul iż-żmien, prattika li nqisha tajba ħafna, minħabba li minn naħa waħda tippermetti l-kunsiderazzjoni ta' għarfien espert speċifiku u, skont il-każ, il-

qies ta' aġġustament għal żviluppi esterni (bħall-ħolqien ta' unitajiet ta' xogħol ġodda, eż. għat-trattament tat-T2S), u eventwalment issaħħaħ ukoll il-kolleġjalità tal-bord.

**24. X'sistema taħseb li hija f'lokha biex tiżgura rotazzjoni ekwa tas-sħubija fil-Bord eżekuttiv tal-BĊE, ukoll f'dak li jirrigwarda n-nazzjonalitajiet?**

Il-kriterji għall-ħatra tal-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huma mfissra ċar ħafna fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeau fl-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE "il-membri (…) tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji"; u "huma biss il-persuni li jkollhom ċittadinanza ta' l-Istati Membi [taż-żona tal-euro] li jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv".

Fil-fehma tiegħi, din il-proċedura fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill u wara konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-BĊE tiżgura li jinqdew bl-aħjar mod iż-żewġ rekwiżiti għall-ħatra ta' membri tal-Bord Eżekuttiv.

Barra minn hekk, nixtieq ninsisti fuq il-karattru sovranazzjonali tal-BĊE, li jimplika li d-deċiżjonijiet tal-korpi deċiżjonali tiegħu jittieħdu esklussivament f'perspettiva taż-żona tal-euro u mhux fid-dawl ta' interessi nazzjonali partikolari. Dan huwa wkoll ir-raġuni għala l-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE ma jirrappreżentawx l-Istati Membri tagħhom imma jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet purament fil-kapaċità personali tagħhom. Inqis li l-obbligu li jinħatru "persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji" huwa suffiċjenti biex jiggarantixxi kompożizzjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE li tkun kompetenti u orjentata lejn iż-żona tal-euro.

**25. X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-ħtieġa li titkabbar id-diversità tal-isfondi rrappreżentati fil-Bord tal-BĊE, aktar milli nserrħu esklussivament fuq il-bankiera ċentrali?**

It-Trattat jesiġi li "l-membri (…) tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji". M'hemm l-ebda rekwiżit, bħala tali, li jinħatru biss bankiera ċentrali. Huwa evidenti li dan ir-rekwiżit il-bankiera ċentrali jissodisfawh, imma huwa ċert li dan ma jeskludix xi sfond jew esperjenza professjonali differenti. Fil-fatt, l-esperjenza professjonali tiegħi stess, kif ukoll dik ta' bosta uffiċjali anzjani tal-banek ċentrali, hija diversa mhux ħażin u mhijiex limitata għall-banek ċentrali biss. Barra minn hekk, jekk teżamina l-curricula tal-membri kurrenti tal-Bord Eżekuttiv, għandek issib diversita ta' sfondi li tkattar l-għarfien espert ta' valur fil-proċess deċiżjonali.

**26. Tista' telabora fuq fehmietek dwar il-kunċett tar-responsabbiltà ta' rendikont demokratiku fir-rigward tal-BĊE u tal-banek ċentrali inġenerali?**

Inqis li l-indipendeza tal-banek ċentrali jeħtieġ li tkun ibbilanċjata mir-responsabbiltà ta' rendikont lill-pubbliku u li-rappreżentanti eletti tiegħu. F'termini ġenerali, ir-responsabbiltà ta' rendikont hija prekundizzjoni fundamentali għal-leġittimita demokratika, u element tal-qofol tagħha. Nistgħu nifhmuha bħala l-obbligu ta' bank ċentrali indipendenti li jispjega u jiġġustifika sewwa d-deċiżjonijiet tiegħu liċ-ċittadini u lir-rappreżentanti eletti tagħhom, u

b'hekk il-bank isir responsabbli għall-qadi tal-mandat tiegħu. Ir-responsabilità ta' rendikont tiżgura wkoll li l-kompiti tal-bank ċentrali jitwettqu b'livell għoli ta' professonaliżmu.

Bħala korp stabbilit bis-saħħa tat-Trattat, u ifi ħdan il-limitu tas-setgħat konferiti lilu, il-BĊE għandu l-kompitu statutarju li jżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet u li jaqdi funzjonijiet oħra ta' bank ċentrali għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Għaldaqstant, il-BĊE jagħti rendikont l-ewwel u qabel kollox liċ-ċittadini tal-UE, u, aktar formalment, lill-Parlament Ewropew, li hija l-unika istituzzjoni Ewropea direttament eletta miċ-ċittadini tal-UE.

Il-BĊE għandu diversi mezzi stabbiliti biex jaqdi r-responsabbiltà ta' rendikont tiegħu. Aparti mill-konferenzi stampa ta' kull xahar tal-President u tal-Viċi President (ara wkoll it-tweġiba 28), il-BĊE jippubblika wkoll il-Bullettin tiegħu kull xahar, u r-Rapport Annwali tiegħu jitressaq quddiem il-Parlament Ewropew (u l-Kunsill). Il-President tal-BĊE jidher quddiem il-kumitat ECON kull tliet xhur, filwaqt li membri oħra tal-Bord Eżekutiv spiss ikunu mistiedna jidhru quddiem il-Kumitat ECON/il-Parlament fuq temi speċifiċi. Jien personalment favur djalogu regolari bejn il-membri tal-Bord tal-BĊE u dawk tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-membri tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE jieħu sehem f'diversi avvenimenti pubbliċi u jagħtu intervisti fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali.

**27. Il-BĊE ilu ħafna joqgħod lura milli jilqa' t-talba tal-Parlament Ewropew li jippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tiegħu. X'taħseb li jistgħi jkunu l-impedimenti u l-inkonvenjenzi ta' pubblikazzjoni tali? Tkun favur li l-BĊE jippubblika l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tiegħu fil-ġejjieni qarib?**

Il-pubblikazzjoni tal-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiva tal-BĊE jista' jitqies bħala mezzespo wieħed possibbli kif il-BĊE jeżerċita r-responsabbiltà ta' rendikont tiegħu. Madankollu, huwa importanti li jingħaraf li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa kopr kolleġjali u, fl-istess waqt, sovranazzjonali. Dan ifisser li l-membri tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, li jiġu minn Stati membri differenti, huma responsabbi b'mod konġunt għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill, u b'hekk jagħtu rendikont kollettiv.

Hemm it-tħassib li l-pubblikazzjoni tal-minuti tkun tista tfixkel l-indipendenza tal-membri tal-Kunsill Governattiv, minħabba li tkun tista' tesponihom għal tentattivi xejn mixtieqa fuq l-imparzjalita tagħhom, u li b'hekk isiru responsabbli individwalment. Barra minn hekk, jiena personalment iħassibni l-fatt li pubblikazzjoni tali tista' twassal għal kategorizzazzjoni tal-membri tal-Kunsill Governattiv skont il-pajjiżi tagħhom, li huma ma jirrappreżentawhomx fil-Kunsill Governattiv.

Għaldaqstant inqis li l-prattika kurrenti tal-konferenzi stampa tal-President, li jsiru immedjatament wara kull laqgħa tal-politika monetarja, u l-pubblikazzjoni tal-istqarrija introduttorja, li tagħti taqsira komprensiva tal-valutazzjoni rilevanti għall-politika dwar żviluppi ekonomiċi, hija mezz effikaċi kif il-pożizzjoni tal-Kunsill Governattiv tiġi ppreżentata u spjegata lill-pubbliku, filwaqt li fl-istess ħin jitħarsu l-pożizzjonijiet individwali tal-membri. Minħabba li dan l-approċċ lill-pubbliku jagħtih tagħrif komprensiv flimkien mal-ispjegi kollha rilevanti dak il-ħin stess, ma nara l-ebda raġuni qawwija għala l-pratika kurrenti għandha tinbidel. Barra minn hekk, il-bank ċentrali jeħtieġlu jispjega l-qafas analitiku utlizzat fil-proċess deċiżjonali intern u fil-valutazzjoni tiegħu tal-istat tal-ekonomija, u li spiss jiċċara r-raġunijiet ekonomiċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, u kif ikun qed isir bilanċ bejn fatturi differenti.

**28. X'konklużjonijiet tislet mit-tqabbil bejn il-politiki ta' trasparenza tal-Federal Reserve Bank u tal-BĊE? X'taħseb dwar il-pubblikazzjoni tal-minuti tal-aqgħat tal-Fed. u tal-Bank of England? Taħseb li din il-politika tista' titħaddem mill-BĊE?**

Reġim ta' trasparenza modern jirrikjedi li bank ċentrali jispjega ċar kif jinterpreta l-mandat tiegħu, u li ma jaħbix il-miri ta' politika tiegħu. Dan lill-pubblikujgħinu jissorvelja u jivvaluta l-prestazzjoni tal-bank ċentrali.

Fir-rigward tal-politika monetarja, l-interess predominanti tal-bank rigward it-trasparenza jeħtieġ li jkun l-effikaċja tal-politika moneatrja fl-ilħiq tal-objettivi statutarji tiegħu. il-BĊE ħabbar strateġija monetarja formali u jispjega deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja li jittieħdu fl-applikazzjoni *de facto* ta' dik l-istrateġija, dak il-ħin stess.

Illum, il-parti l-kbira tal-banek ċentrali jqisu li t-trasparenza hiaj komponent kruċjali tal-qafas tal-politika monetarja tagħhom. Ta' min wieħed jilqa' sforzi għat-titjib tat-trasparenza , jekk jikkontribwixxu għall-iżgurar li l-pubbliku jifehm aktar il-politika monetarja, u li din issir aktar kredibbli u effikaċi. F'dan ir-rigward, il-parti l-kbira tal-banek ċentrali, inklużi l-Fed u l-BĊE, enfasizzaw l-importanza tal-komunikazzjoni effikaċi u tal-interazzjoni tajba mal-pubbliku. Minħabba li bank ċentrali jista' jkollu diversi alternattivi kif itejjeb il-komunikazzjni tiegħu, mhux dejjem ikun ċar liema mod ta' trasparenza jkun l-aħjar f'ċirkustanzi partikolari.

Rigward il-pubblikazzjoni tal-minuti tal-korpi deċiżjonali, din hija element wieħed possibbli fil-firxa ta' mezzi għall-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet. F'ċerti ċirkustanzi, tista' tforni informazzjoni addizzjonali siewja dwar id-diversità ta' fehmiet fi ħdan korp deċiżjonali u dwar ir-raġunament sottostanti għad-deċiżjoni. Madankollu, kif spjegajt fit-tweġiba għall-mistoqsija 27, tista' ġġib magħha konsegwenzi negattivi sostanzjali li ma jtejbux il-komunikazzjoni. Fuq dan l-isfond, l-approċċ tal-Fed u tal-Bank of England li jippubblikaw minuti attribwiti huwa approċċ wieħed possibbli.

Il-fatt li l-BĊE ma jippubblikax il-minuti tiegħu jeħtiġilna narawh fid-dawl tal-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-BĊE u tas-Sistema usa' tal-euro. Jipermetti lill-Kunsill Governattiv li jieħu deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja b'indipendenza sħiħa u bil-għan li jenfasizza r-reponsabbiltà kollettiva ta' rendikont tal-membri. Barra minn hekk, huwa skont i-rrekwiżit tat-Trattat li d-deliberazzjonijiet tal-Kunsilll Governattiv jinammu kunfidenzjali.

**29. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar id-djalgu finanzjarju? Il-membri tal-Bord tal-BĊE jistgħu jiddiskutu l-politika monetarja u d-deċiżjonijiet tiegħu ma' atturi plitiċi oħra, jew jista' dan ikun ta' ħsara għall-indipendenza tal-bank?**

Il-laqgħat ta' kull tliet xhur bejn il-President tal-BĊE u l-Kumitat għall-Affarijiet ekonomiċi u Monetarji huma opportunità mill-aqwa biex il-BĊE jispjega l-politika monetarja tiegħu lir-rappreżentanti taċ-ċitadini Ewropej, u biex il-President jirċievi reazzjonijiet. Dan huwa kkomplementat minn dehriet addizzjonali minn membri tal-Bord Eżekuttiv f'laqgħat tal-Kumitat ECON u fil-plenarja, kif ukoll żjajjar informali ta' MPE fil-BĊE, partikolarment iż-żjara annwali tal-Kumitat ECON. Dan kollu jifforma parti mill-qadi tar-responsabbiltà ta' rendikont tal-BĊE lejn il-Parlament Ewropew u għandu jikkontribwixxi għal djalogu produttiv u kostruttiv bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Lil hinn minn hekk, hemm ukoll interazzjoni regolari ma' istituzzjonijiet u korpi Ewropej

bħall-Grupp tal-euro u l-Kunsill ECOFIN. Isir ukoll skambju ta' informazzjoni fil-livell tekniku mal-Kummissjoni u mal-gvernijiet nazzjonali, fost l-oħrajn f'diversi kumitati tal-UE, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u fir-rispett tal-indipendenza tal-bank.

**30. Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-aktar riskji u sfidi importanti li għandu quddiemu l-BĊE?**

Żminijietna jippreżentaw sfidi kbar minn bosta lati, imma se niffoka fuq tlieta ewlenin.

L-ewwel sfida hija n-normalizzazzjoni tal-politika monetarja. Gradwalment, iż-żona tal-euro qed tirkupra minn kriżi ekonomika u finanzjarja profonda, minkejja li l-progress mhuwiex uniformi bejn il-pajjiżi, is-swieq u s-setturi. F'xi waqt, il-BĊE se jreġġa' r-rati tal-imgħax ewlenin għal-livelli ta' dari, filwaqt li miżuri mhux standard jitneħħew gradwalment skont kemm ma jkunux aktar meħtieġa biex jiżguraw li l-politika monetarja lill-ekonomija u, fl-aħħar mill-aħħar, lill-prezzijiet. L-għażla tal-waqt it-tajjeb għal dawn l-azzjonijiet hija sfida, speċjalment fl-ambjent kurrenti li għadu kkratatterizzat minn inċertezzi u vulnerabbiltajiet.

It-tieni sfida diġà semmejtha qabel: Madankollu, il-kriżi finanzjara qajmet diversi mistoqsijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-politika monetarja u l-istabbiltà finanzjarja. Huwa essenzjali li jkollna għarfien aħjar tar-rwol tas-settur finanzjarju fil-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Se tkun essenzjali wkoll relazzjoni tajba mal-BERS u mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

It-tielet sfida ewlenija li nixtieq insemmi hawnhekk tikkonċerna l-futur tal-Ewropa u tal-UEM. Il-politiki nazzjonali adottati fiż-żmien meta kienet qed tinħema l-kriżi kurrenti ma kinux tali li l-UEM setgħet tkun stabbli u taħdem sewwa. Il-konsolidament fiskali, riformi strutturali u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi f'bosta każijiet ma kinux biżżejjed, u regoli Ewropej ġieli sfaw injorati jew saħansitra ġew emendati jekk ma kinux jaqblu mal-aġenda politika domestika. Jeħtieġ ikollna qafas ġdid tal-governanza Ewropea, li lill-Istati Membri jfakkarhom li mal-benefiċċji tal-UE, u speċjalment dawk tal-UEM, hemm marbuta wkoll responsabbiltajiet. Kif qal il-BĊE, jeħtiġilna nagħmlu "qabża quantum". Fiż-żmien tal-lum, m'għadhiex għażla vijabbli li l-Ewropa sempliċement tara kif tbenġilha. Dawn l-iżviluppi huma rilevanti għalija mhux biss bħala Ewropew iddedikat, imma wkoll bħala xi ħadd li jfassal il-politika monetarja, minħabba li jaffettwaw il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-mod kif il-BĊE jmexxi l-politika monetarja tiegħu bil-għan li jilħaq l-objettiv primarju tiegħu, l-istabbiltà tal-prezzijiet.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.3.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 42<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Wolf Klinz, Philippe Lamberts, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Íñigo Méndez de Vigo, Ivari Padar, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sophie Auconie, Elena Băsescu, David Campbell Bannerman, Saïd El Khadraoui, Ashley Fox, Danuta Jazłowiecka, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Catherine Stihler |